MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ALBERT J. MAGRI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2000

Citazzjoni Numru. 1700/2000/1

**Alexandra MIZZI**

**vs**

**Christopher BONELLO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fl-14 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu l-attrici pprermettiet:

Illi fis-27 t'Ottubru, 1998 l-attrici kienet giet impjegata mal-konvenut bhala segretarja b'kuntratt ta' impjieg definit ghall-perjodu ta' tliet (3) snin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A"'

Illi l-konvenut ittermina l-impjieg tal-attrici qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt tal-impjieg taghha, u cioe' qabel l-eghluq tal-perjodu ta' tliet snin, u senjatament fit-2 ta' Gunju, 2000, u dan kif jirrizulta wkoll mill-annessa formola ta' terminazzjoni ta' impjieg immarkata bhala Dok. "B";

Illi ghaldaqstant il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici somma ta' flus li hija daqs nofs il-paga kollha li hija kien ikollha jedd ghaliha kieku l-istess attrici thalliet fl-impjieg taghha ghall-perjodu rimanenti taz-zmien hekk espressament miftiehem, u dan ai termini tal-artikolu 34(1) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-konvenut naqas li jhallas lill-attrici arretrati ta' "bonus", kumpens ghal "vacation leave" mhux utilizzat mill-attrici u arretrati ta' paga dovuta lill-istess attrici;

Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat jaghmel dan permezz ta' ittra ufficjali datata ta' Lulju 2000 huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici somma ta' flus li hija daqs nofs il-paga kollha li hija kien ikollha jedd ghaliha kieku l-istess attrici thalliet fl-impjieg taghha ghall-perjodu rimanenti taz-zmien hekk espressament miftiehem, u dan ai termini tal-artikolu 34(11) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici arretrati ta' "bonus", kumpens ghal "vacation leave" mhux utilizzat mill-attrici u arretrati ta' paga dovuta lill-istess attrici;

3. Tillikwida dawn is-somom ta' flus dovuti mill-konvenut lill-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati; u

4. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici dawk is-somom ta' flus kif likwidati;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Lulju, 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa, l-lista tax-xiehda taghha u z-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tas-16 t'Awissu, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghas-7 ta' Novembru, 2000;

Rat li l-konvenut, notifikat fid-19 ta' Settembru, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressaq l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilu mil-ligi dwar it-talbiet tal-attrici u ghalhekk waqa' kontumaci;

Semghet lill-konvenut, permezz tal-Avukat tieghu meta l-kawza ssejhet l-ewwel darba ghas-smiegh, jitlob li jinghata d-dritt li jikkontesta l-kawza u b'hekk inehhi l-kontumacja tieghu, ghal liema talba l-attrici opponiet;

Semghet lill-istess konvenut bil-gurament;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tas-7 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tal-konvenut li jnehhi l-kontumacja tieghu;

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem il-konvenut, ir-raguni ewlenija li ghaliha hu jghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja tieghu titnehha tikkonsisti fil-fatt li, gie mgharraf bl-atti ta' din il-kawza madwar gimgha biss qabel il-lum tal-ewwel dehra. L-att ghaddihomlu Peter Farrugia li huwa *project manager* tan-negozju tieghu. Farrugia ilu biss xahar jaqdi din il-kariga li qabel, u fiz-zmien li l-atti gew notifikati, kienet okkupata minn certu Oliver Agius;

Irrisulta li l-atti gew notifikati fid-dar tal-konvenut u thallew, kif turi r-riferta, f'idejn il-mara tieghu Jane Bonello;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn issejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali [ara App. Civ. <u>*Joseph Vella pro et noe vs John Vella*</u> maqtugha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP <u>*Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul*</u>, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f' postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni sejra trerssaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudddisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendneti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibli;* u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili <u>Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici</u> maqtrugha fit-**12 ta' Dicembru, 1975**; u PAGV <u>Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb</u> maqtugha fis-27 ta' Frar, 1995];

Illi, minn dak li rrisulta waqt is-smiegh tal-provi, il-Qorti ssib li l-konvenut ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu u r-ragunijiet migjuba biex jinghata l-jedd biex issa jikkontesta l-kawza ma jghaddux, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kriterji cari mfissra izjed 'il fuq;

Tirrisulta diskrepanza dwar dak li jghid li ghamel Farrugia u dak li sar mill-manager tieghu attwali, Agius. Ma hemm l-ebda spjega kif, per ezempju, meta Farrugia ntemmitlu l-kariga (xi xahar qabel xehed il-konvenut) u z-zmien meta Agius ghaddielu l-atti f'idejh, dawn il-karti kienu baqghu ghand Agius u l-konvenut baqa' lanqas jaf bil-kawza imqar minn martu stess. Dawn il-hwejjeg jaghtu 'l wiehed x'jifhem li kien hemm certa traskuragni li, sfortunatment, irid iwiegeb ghaliha l-konvenut;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

Ssib li m'hemmx raguni tajba bizzejjed biex il-konvenut jithalla jikkontesta l-kawza billi jressaq l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet tal-attrici skond il-ligi, u ghalhekk it-talba tieghu qeghda tigi michuda;

Dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghall-jedd tal-konvenut li, 'l quddiem waqt is-smiegh tal-kawza, ikun jista' jinqeda' mill-fakolta' li taghtih il-ligi [art. 158 (10) tal-Kap 12] li jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-provi mressqa mill-attrici;

Il-Qorti qeghda ghalhekk thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi fil-mertu.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------